



C/2024/4315

15.7.2024

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2024 – Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Parlament Ewropew**

**(Kawża C-378/24)**

(C/2024/4315)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: A. Gavela Llopis, L. Aguilera Ruiz, aġenti)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew C (2024) 1723 tal-4 ta' Marzu 2024 li tħabbar kompetizzjoni ġenerali sabiex tiġi stabbilita lista ta' 90 kandidat ta' nazzjonalità Olandiża, sabiex jintgħażel amministratur għas-Segretarjat tal-Parlament Ewropew;
- tannulla l-lista ta' kandidati xierqa, li, bħala konsegwenza tal-kompetizzjoni kkontestata, tista' tiġi stabbilita abbażi tad-dispożizzjoni fil-punt 3 "Lista ta' kandidati xierqa" tat-Taqsima B "Proċedura";
- sussidjarjament, tiddikjara invalida d-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2022, skont l-Artikolu 277 TFUE;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

1. Ksur tal-Artikolu 9 TUE, tal-Artikolu 18 TFUE u tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjieg pubbliku tal-Unjoni Ewropea, li fl-att ikkontestat huwa miksur peress li joħloq diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità li ma hijiex suffiċjentement iġġustifikata u ma hijiex proporzjonata.
2. Ksur tal-Artikolu 27(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, billi l-postijiet li għandhom jiġu okkupati huma rriżervati għal ċittadini ta' Stat Membru wieħed. L-att ikkontestat huwa nieqes minn ġustifikazzjoni suffiċjenti u adegwata. Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew ma ttiprovdi tali motivazzjoni adegwata, u lanqas ma tikkwota studji, analiżi jew data li jippermettu li tiġi evalwata l-ġustifikazzjoni, l-adegwatezza jew il-proporzjonalità tal-miżura.
3. Ksur tal-prinċipju ta' mertu għall-aċċess għall-impjieg pubbliku, stabbilit fl-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-bilanċ bejn l-obbligu li jiġu adottati miżuri effettivi sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ ġeografiku, u l-osservanza tal-prinċipju ta' mertu bħala kriterju għall-għażla tal-persunal fis-servizz tal-Unjoni Ewropea.
4. Sussidjarjament, kontestazzjoni, abbażi tal-Artikolu 277 TFUE, tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2022, għall-istess raġunijiet legali esposti iktar 'il fuq.